GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U
L-IMPLIMENTAZZJONI
TAL-PROGRAMM ELETTORALI
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI

11 ta' Lulju 2024

**Ombudsman**

**Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon,**

Qed nikteb b'referenza għall-każ Nru OMB-24-4628 u l-ittra tiegħek datata 14 ta' Ġunju 2024, li tittratta l-ment imressaq mill- u dwar il-ħlas b'lura għall-parteċipazzjoni tagħhom bħala membri fuq il-*Control Committe* mwaqqaf bl-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi (Kap 358).

Ninfurmak li wara li ttieħdet nota tal-opinjoni finali mibruġa mill-Uffiċċju tiegħek, dan il-Ministeru xorta waħda jtenni l-pożizzjoni kkomunikata f'dan ir-rigward fl-24 ta' Mejju 2024. Dan għaliex, din l-istess pożizzjoni tisħaq li ġaladarba dan il-kumitat, kif inhu kompost mil-liġi, m'għandux terminu ta' skadenza u l-Manwal li jistabilixxi l-ħlas tal-bordijiet japplika wara li jsir kategorizzar tal-istess kumitat wara l-iskadenza tiegħu, dan ma setax iseħħ.

Il-Manwal jgħid ukoll, f'Sezzjoni 3, li "*this framework is intended to enter into force as from 1st January 2017. Line Ministries are to start utilizing this manual, procedures contained within and categorization, classification and remuneration levels accordingly.*

Din il-parti tal-Manwal tispjega d-data minn meta jidħlu fis-seħħ il-proċeduri l-ġodda, jiġifieri il-proċess ta' kategorizzazzjoni u klassifikazzjoni tal-bordijiet u l-kumitati tal-Gvern. Żgur li ma tfissirx li dawn għandhom jibdew jitħallsu b'rati ġodda mill-1 ta' Jannar 2017. Fil-fatt, kull reviżjoni fil-ħlas saret, jew issir, wara li jkun sar il-proċes ta' kategorizzazzjoni u klassifikazzjoni.

Kienet deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien, fuq direzzjoni/gwida mill-Uffiċċju tal-Kabinett fl-2022, li applika għall-ewwel darba l-kategorizzar ta' dan il-kumitat u aġġorna l-ħlas tiegħu f'dan ir-rigward. Oltrè minn hekk, fuq konsultazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kabinett, dan il-Ministeru llum iffissa policy interna sabiex il-kategorizzar ta' dan il-kumitat tibda tiġi riveduta kull tliet snin b'effett mill-2022 sabiex il-ħlas tiegħu jibqa' wieħed kurrenti minkejja li l-istess kumitat ma jġorrx data ta' skadenza fit-terminu tiegħu.

Tislijiet,

Carlos Tabone
Segretarju Permanenti

Casa Leoni, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, SVR 1010
T +356 2388 6110 E ops.alti@gov.mt

www.artijiet.gov.mt